



---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2022/0362(NLE)**

18.12.2023

**\*\*\***

## **ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd tas-Seychelles għall-ilmijiet ta' Mayotte (15048/2022 – C9-0051/2023 – 2022/0362(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Gabriel Mato

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
ANNEX: ENTITAJET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	8



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd tas-Seychelles għall-ilmijiet ta' Mayotte (15048/2022 – C9-0051/2023 – 2022/0362(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15048/2022),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd tas-Seychelles għall-ilmijiet ta' Mayotte (15088/2022),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0051/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4), u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2023),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tas-Seychelles.

## NOTA SPJEGATTIVA

### L-isfond

Il-Mayotte, arċipelagu fl-Oċean Indjan u dipartiment Franċiż extra-Ewropew, ilu jgawdi l-istatus ta' Reġjun Ultraperiferiku fil-livell Ewropew mill-2014. Peress li t-Trattati jagħtu lill-Unjoni Ewropea kompetenza esklużiva għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), l-aċċess għall-ilmijiet madwar il-Mayotte għal bastimenti tas-sajd barranin irid ikun irregolat mill-Unjoni Ewropea.

L-ewwel ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd tas-Seychelles għall-ilmijiet ta' Mayotte ġie ffirmat fl-20 ta' Mejju 2014. Wara d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-istess data (l-ewwel bħala miżura proviżorja) għal durata ta' 6 snin, dan il-Ftehim iġġedded b'mod taċitu fl-20 ta' Mejju 2020.

Abbażi tad-direttivi ta' negozjati rilevanti, il-Kummissjoni wettqet negozjati mal-Gvern tas-Seychelles bil-għan li jiġi konkluż ftehim ġdid dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd tas-Seychelles. Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat "Ftehim ta' Aċċess għas-Sajd" ġdid fl-10 ta' Ġunju 2022. Dan il-Ftehim ta' Aċċess għas-Sajd ġdid ikopri perjodu ta' 6 snin mill-10 ta' Marzu 2023, id-data tal-iffirmar miż-żewġ partijiet, liema firma tat ukoll bidu għall-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-ftehim, sakemm jiġi konkluż.

Minbarra dan il-Ftehim ta' Aċċess għas-Sajd ġdid fl-ilmijiet ta' Mayotte għall-bastimenti tas-sajd tas-Seychelles, l-UE u s-Seychelles ilhom mill-2020 marbuta wkoll bi Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) u bi protokoll ta' implimentazzjoni li jakkumpanjah biex jirregola l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-UE għall-ilmijiet tas-Seychelles u d-drittijiet tas-sajd fihom bi skambju għal appoġġ finanzjarju u tekniku tal-UE lis-Seychelles (ara l-proċedura 2020/0002 (NLE)). F'dan l-SFPA, L-UE u s-Seychelles qablu wkoll dwar sett ta' mekkaniżmi u regoli mfassla bil-għan li jipromwovu s-sajd sostenibbli, inkluż billi jtejbu l-kontrolli tas-sajd u l-ġbir tad-data, billi jsaħħu l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), u permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li tagħhom kemm l-UE kif ukoll is-Seychelles huma membri.

### Il-Ftehim ta' Aċċess għas-Sajd ġdid

L-objettiv ta' dan il-Ftehim ġdid huwa li jippermetti aktar tisħiħ ta' sħubija strateġika mas-Seychelles u li jikkontribwixxi għal sajd responsabbli fl-ilmijiet tal-UE u għall-iżvilupp tal-politika tas-sajd fil-Mayotte. Il-kundizzjonijiet tekniċi u finanzjarji tal-Ftehim ta' Aċċess għas-Sajd huma allinjati wkoll ma' dawk tal-SFPA mas-Seychelles u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu ffirmat fl-2020.

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw il-kooperazzjoni fis-settur tas-sajd bil-għan li jiġu żgurati sajd responsabbli u l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet madwar il-Mayotte abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn il-flotot differenti li jistadu f'dawk l-ilmijiet.

Il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tas-Seychelles għal dawn l-ilmijiet tal-UE huma spjegati aktar fid-dettall fl-anness tal-ftehim (opportunitajiet tas-sajd, awtorizzazzjonijiet tas-sajd, monitoraġġ, u osservaturi, eċċ.). Skont il-ftehim, tmien bastimenti

li jtajru l-bandiera tas-Seychelles (bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża) se jkunu jistgħu jistadu fl-ilmijiet tal-Mayotte, aktar minn 24 mil nawtiku 'l barra mill-kosti tiegħu. L-opportunitajiet tas-sajd huma bbażati fuq l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli (u fejn applikabbli fil-limiti tal-eċċess disponibbli) u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd responsabbli, jiġifieri l-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC). It-tariffi għall-qabdiet se jkunu b'rata ta' EUR 135 għal kull tunnellata ta' tonn maqbud (bi ħlas bil-quddiem mill-bastiment ta' EUR 13,500 għall-ewwel 100 tunnellata).

Il-Ftehim jipprevedi wkoll l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-kontroll tas-sajd u għall-prevenzjoni ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

## **Il-pożizzjoni tar-rapporteur**

Dan il-Ftehim ta' Aċċess għas-Sajd huwa strateġiku, u jwassal għal koerenza u reċiproċità bejn l-UE u s-Seychelles għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar fl-Oċean Indjan. Permezz tal-ftehim, il-partijiet jixtiequ b'mod partikolari jsaħħu l-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd u jiżguraw li s-sajd tat-tonn u ta' speċijiet simili għat-tonn isir b'mod sostenibbli, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni ta' speċijiet oħra, b'mod partikolari l-klieb il-baħar pelaġiċi.

Huwa ftehim ibbilanċjat li permezz tiegħu l-bastimenti tas-Seychelles ikomplu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, filwaqt li jkun ta' benefiċċju wkoll għall-Mayotte u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd lokali f'dan ir-reġjun ultraperiferiku tal-UE.

Madankollu, ir-rapporteur jemmen li, fit-tul, il-Mayotte - u, b'mod ġenerali, ir-reġjuni ultraperiferiċi - għandhom ikunu jistgħu jiżviluppaw il-flotot tas-sajd tagħhom stess permezz tal-appoġġ tal-UE u dak nazzjonali. Dan il-Parlament, ripetutament talab, - mingħajr suċċess, - li biex tiġi żgurata s-sopravivenza tas-settur tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi u f'konformità mal-prinċipji tat-trattament differenzjat għall-gżejjer u t-territorji żgħar imsemmija fl-SDG 14, l-appoġġ jingħata permezz tal-FEMSA jew għajnuna mill-Istat, abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE, għat-tiġdid tal-flotot tas-sajd artiġjanali tar-reġjuni ultraperiferiċi li jħottu l-qabdiet kollha tagħhom fil-portijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi u jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli fil-livell lokali;

Ir-reġjuni ultraperiferiċi jħabbtu wiċċhom ma' sfidi speċifiċi marbuta mal-pożizzjoni remota, mat-topografija, mas-swieq żgħar u mal-klima tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-TFUE; madankollu l-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi mhumiex biżżejjed meqjusin fil-PKS. B'mod partikolari, fil-politika esterna tal-PKS, is-sħubijiet strateġiċi jridu jqisu l-interessi tar-reġjuni tal-UE li huma ġirien u li għalhekk jiġu affettwati.

Fir-reġjuni ultraperiferiċi, is-sajd huwa mutur ekonomiku importanti, sors ta' sovranià tal-ikel u attività tradizzjonali li tagħmel parti mill-kultura ta' dawn it-territorji, li joħloq impjegi fuq il-baħar u fis-settur tal-ipproċessar u jikkontribwixxi għad-dinamiżmu tal-industrija tat-turiżmu, mutur ekonomiku importanti ta' dawn ir-reġjuni.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirakkomanda li l-Parlament japprova l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim ta' Aċċess għas-Sajd, filwaqt li jtenni t-talba tiegħu għal appoġġ mill-UE jew għajnuna mill-Istat għat-tiġdid u l-iżvilupp sostenibbli tal-flotot tas-sajd fil-Mayotte u, b'mod aktar ġenerali, fir-reġjuni ultraperiferiċi.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.